# KUNSILL LOKALI SANTA VENERA

Triq il-Kbira San Gużepp
Santa Venera SVR 1013

Tel: 21491030 Fax: 21491664
indirizze: santavenera.lc@gov.mt
Sit elettroniku: http://www.stvenera.gov.mt


**18/18**

**Minuti tat-tmintax-il (18) Laqgħa tas-sena 2012 (Is-Seba' Kunsill) tal-Kunsill Lokali ta' Santa Venera li ssejħet fl-Uffiċċju Amministrattiv nhar il-t-Tlieta, 24 ta' April fil-5.30 ta' filgħaxija.**

| | | | |
|---|---|---|---|
| **Preżenti:** | Is-Sur Horace J. Anastasi | - | Sindku |
| | Is-Sur Ronald Briffa | - | Viċi Sindku (wasal fis 7 pm) |
| | Is-Sinj. Mariella Micallef | - | Kunsillier |
| | Is-Sur Carmel Camilleri | - | Kunsillier |
| | Is-Sur Stephen Sultana | - | Kunsillier |
| | Is-Sur Edwin Formosa | - | Kunsillier |
| | Is-Sinj. Louise-Anne Gusman | - | Aġent Segretarju Eżekuttiv |
| **Assenti u skużati** | Is-Sur Cleaven C. Bugeja | - | Kunsillier (bl-ittre xogħol) |

Il-laqgħa bdiet fil-5.50 ta' filgħaxija

**Agenda:**

1 **Qari u Approvazzjoni tal-Minuti** - Il-minuti tal-laqgħat 11/18 (19.10.2011), 12/18 (26.10.2011), 13/18 (21.11.2011), 14/18 (28.11.2011), 15/18 (30.11.2011), 16/18 (9.12.2011) u 17/18 (15.12.2011). Tkomplija tal-Għaxar (10) laqgħa tat-23 ta' Frar 2012.

2 **Punti mqajma mill-minuti.**

2.1 Is-Sindku qal lil-Kunsillieri preżenti li kienu ser jiflu l-minuti tas-7 laqgħat li kien hemm pendenti peress li parti mill-minuti li niżżel l-eks Aġent Segretarju Eżekuttiv, is-Sur Joseph M. Formosa, ma kienux korretti. Irriżulta li fejn il-Kunsillier is-Sur Stephen Sultana kien imniżżel preżenti fil-fatt, f'dak il-jum kien ma jiflaħx u kien immejlja lill-istess Aġent Segretarju Eżekuttiv u l-Kunsillieri Cleaven Bugeja kien ukoll, ma jiflaħx u Mariella Micallef kienet preżenti. Fil-fatt irriżulta li s-Sur Bugeja ma kienx imniżżel fl-attendenza.

2.2 Is-Sindku spjega kif baqgħet il-kwistjoni minħabba l-ex Aġent Segretarju Eżekuttiv is-Sur Formosa u r-rekordings tal-minuti. Is-Sur Camilleri qal li kif dan kien qabad u ħareg ir-rekordings mill-Kunsill mingħajr l-approvazzjoni tal-Kunsill. Is-Sindku kompla jispjega kif il-Kunsill Lokali kiteb bl-avukat sabiex l-ex Aġent Segretarju Eżekuttiv

jirritorna għallinqas il-minuti tas-7 laqgħat pendenti li kellu l-Kunsill. L-Avukat tas-Sur Formosa kiteb lil-Kunsill u talab għal-ħlas dovut lil ex-Agent Segretarju Eżekuttiv barra affarijiet oħra. Is-Sindku spjega lis-Sur Formosa kien Segretarju tal-Ġudja u Aġent tal-Kunsill Lokali ta' Santa Venera. Is-Sindku kompla li dan l-Aġent Segretarju Eżekuttiv ġieli deher għal xi ħmistax-il siegħa f'xahar. Meta s-Sindku kien talab lis-Sur JM Formosa biex jibda jiffirma dan ma ridx. Is-Sur Anastasi nfurmah li kien se jibda jitlob lill-Iskrivana s-Sinj Maria Aquilina biex tinfurmah kemm idum il-Kunsill kull meta jattendi. Is-Sindku qal ukoll li anke immejlja lid-Dipartiment dwar is-Sur Formosa. Is-Sur Anastasi fakkar li waqt laqgħa l-Kunsillier Edwin Formosa irrimarka li ma kienx sew li l-Kunsill tagħna jħallas lill-Aġent Segretarju għal sigħat li suppost ikun qiegħed il-Gudja u jitħallas mill-Kunsill tal-Gudja. Il-Kunsillier Charles Camilleri qabel miegħu. L-Ex Aġent Segretarju Eżekuttiv kien qal lill-Kunsillieri li hu kien ħadem tant sigħat u mill-indaġini li għamel is-Sindku mal-Iskrivani stabbilixxa li ħadem inqas u s-Sindku qallu li kien lest li jħallashomlu hu, ż-żejda. Is-Sindku nnega dan kollu u kien lest li jieħu passi kontrih jekk jerġa jirrimarkahom. Is-Sur Anastasi żied li kieku l-Kunsill kellu jħallas xi flus kellu jħallashom lill-Kunsill Lokali tal-Gudja. Fil-fatt, l-eks Aġent Segretarju Eżekuttiv kien aċċetta li jitħallas għas-sigħat dikjarati mis-Sindku u mill-Iskrivani. Peress lis-Sindku immejlja lid-Dipartiment dwar dan kollu, rrakkomanda li nistennew id-deċiżjoni tad-Dipartiment tal-Gvern Lokali.

2.3 Is-Sur Camilleri qal li dan suppost mexxina u mhux zammna daqshekk, missna ħadna azzjoni. Is-Sindku tenna li nżammet il-laqgħa bla ma smajna dak kollu rrekordjat għax deher li avolja, l-każ kien f'idejn il-Pulizija, xorta waħda s-Sur Formosa kien jidher li qed itawwal u l-Kunsill ma setax jistaġna aktar.

2.4 Is-Sur Camilleri qal li l-laqgħa suppost tibda bil-kommunikazzjoni tal-Kunsillieri. Is-Sindku wieġeb li din hija laqgħa bl-Aġenda tal-Laqgħa ta' qabel u irridu nimxu ma l-Aġenda li għandna.

2.5 Is-Sur Camilleri irringrazzja lil Kunsillieri talli marru jzuruh meta kien irrikoverat u rringrazzja lis-Sindku u lill-Kunsill għall-fjuri lis-Sindku ħadlu d-dar f'isem il-Kunsill.

2.6 Is-Sindku indika li kien ser jibda jaqra l-minuti tal-laqgħat:

**3 Minuti 11/18 bid-data 19/10/2011**

3.1 L-Attendenza: is-Sur Stephen Sultana assenti skuzat ma jiflahx; is-Sur Cleaven Bugeja mhux mniżżel.

3.2 ***Korrezzjoni tal-minuti***:

3.2.1 pagna 3, punt 1.8 – hawnhekk ma setgħax wieġeb is-Sur Stephen Sultana peress li ma kienx preżenti. Is-sentenza tħassret. Minflok Ottubru 2011, biex titnizzel 'għall-aħħar ta' Mejju'.

3.2.2 Is-Sur Sultana qal li s-Sindku suppost għajjat lil Kunsillieri għal-laqgħa '*one-to-one'*. Huwa sostna li ma kienx jaf x'dekasteru għandu. Is-Sindku wieġeb li huwa qatt ma caħħad lil ħadd għal-laqgħa ta' '*one-to-one'*. Huwa sostna li huma jridu jaħdmu fuq li fadal. Għalhekk kien qiegħed jgħajjat il-Laqgħat b'Urġenza. Is-Sindku żied jgħid li huwa ried jagħmel dawn il-minuti ħalli l-Kunsill ikompli jimxi 'l quddiem u m'għandux għalfejn jinħela f'dawn il-minuti. Huwa offra lil Kunsillieri li min l-għada tal-Laqgħa setgħu jintaqgħu miegħu u sostna li s-Sur Sultana kien wieħed li jagħti każ tal-Kunsill u ta' Santa Venera. Is-Sur Anastasi reġa' fakkar lis-Sur Sultana lid-Dikasti tqassmu lill-Kunsillieri fl-2010 u fuq il-fuljett tal-Kunsill hemm mniżżel id-dikasteri kollha tal-Kunsillieri. Is-Sindku kompla li xorta lest li jerġa' jippreżentahomlu.

3.2.3 Is-Sur Sultana wiegeb li anka meta jirraporta fuq xi ħaga, ma jagħtux kazhu. Semmgħa r-rapport li għamel fuq l-'*inspection box'* imkissra u li waqgħet mara dak in-nhar filgħodu. Is-Sindku wieġeb li l-Kunsill irraporta lil Pulizija fuq il-kaz sabiex jaraw min hu sid il-post vakant tal-'inspection box' imkissra u sabiex inehhu l-periklu. L-Aġent Segretarju Eżekuttiv(ASE) is-Sinj Louise Gusman, infurmat lil Kunsillieri preżenti li mhux talli ma ħadux il-passi neċessarji imma infurmaw ukoll lid-Dipartiment tas-Sanita' minħabba r-rapport tal-wirdien li kien qiegħed joħroġ mill-imsemmija '*inspection box'*. Is-Sindku informa lil ASE sabiex terġa tinforma lil Pulizija dwar dan il-kaz u jekk il-Pulizija ma jistabbilixxux min hu s-sid l-Kunsill kien lest isewwi u kif jintgħaraf is-sid jintalab l-ispejjeż.

3.2.4 Punt 1.9 – ***'ingħatax izjed min 3'*** biex titħassar u minflok isir: ***'li kien hemm 10 computers użati ... u li xi nies oħra li kellhom bżonnhom'.***

3.2.5 Punt 3.5, paragrafu 5 – Is-Sindku qal ukoll illi '***kien hemm***' korrispondenza '***irreferuta lill-Aġent Segretarju Eżekuttiv is-Sur Formosa fi Frar 2011 u ġiet ippreżentata reċentement***'.

3.2.6 Punt 3.5, Paragrafi 7 u 8 biex jitneħħew peress li s-Sur Sultana ma kienx preżenti.

3.3 ***Punti mqajma mill-minuti:***

3.3.1 pagna 2, punt 1.3 – Is-Sur Camilleri saqsa il-għaliex il-Kunsill kien ilu assikurat li ser isir kull sforz li ser ikollna librerija pubblika, eċċ. S-Sur Sultana qal li l-Kunsill kellu librerija ~~imma kienu ċedew b'elf lira Maltija għamara fi żmien is-Sindku s-Sinj Elizabeth Vella.~~ Fl-iskola sekondarja fi Trejqa ta' Fleur de Lys li ttieħdet għal skopijiet oħra. Is-Sindku s-Sur Anastasi informa lil Kunsillieri li l-gurnata ta' qabel il-Kunsill irċieva mill-MEPA fuq il-librerija u Ġnien Romeo Romano. Huwa qara l-ittra mibgħuta mil-MEPA bid-data 18/4/2012 u referenza 144756. Is-Sur Camilleri qal li huwa kien ippropona li jkollhom librerija imma s-Sinj Elizabeth Vella ma riditx.

3.3.2 Punti 1.1, 1.5, 1.6: Is-Sur Sultana informa lil-Kunsillieri li huwa kien ta lista ta' punti skoretti lil eks ASE, is-Sur Formosa imma dan l-anqas biss kien ta' kaz li kien kitiblu s-Sur Sultana. Is-Sur Sultana kien bagħat ittre bid-data 19/10/11 biex tinqara. Is-Sur Formosa kien infurmah li kien għaddiha lis-Sindku imma fil-fatt ma kien għadda xejn lis-Sindku. Is-Sur Formosa suppost ipprezentaha waqt il-Laqgha u kieku kien hemm il-Kunsilliera bhalha xhieda. Is-Sur Sultana reggħa ippreżenta l-ittre fuq il-mejda (kopja tal-ittre ġiet mehmuza mal-minuti).

3.3.3 Is-Sur Sultana qal li huwa importanti li jinxtara 'recorder'. Is-Sindku qabel mal-proposta u qal li fil-kaz ninfurmaw lil Vici Sindku s-Sur Ronald Briffa biex jara liema l-aħjar li nixtru għal-Kunsill.

3.3.4 Punt 1.10: '*Motor cycle bays'* – Peress li l-Kunsill kien gie injorat mill-Awtoritajiet fuq il-MC Bays, il-Kunsill kellu jikteb lil AKL fuq dan. Is-Sur Sultana sostna li l-*motor cycle bays* qiegħdin jiżdiedu mingħajr l-approvazzjoni tal-Kunsill. Is-Sindku wieġeb li fi Triq Ċikku Portanier wieħed kien ilu zmien hemm u kien sar peress li saret pressjoni mill-Kunsillier is-Sur Sultana. ~~Is-Sur Sultana wieġeb li kienet saret mozzjoni waqt laqgħa oħra imma qal li ma jimpurtax u li lilu ma affettwatux.~~ Zied jgħid li suppost jgħaddu mill-Kunsill. Is-Sindku wieġeb li jekk ikun jaf li jaqbel kulħadd magħha, issir imma importanti li jsiru dawn il-minuti. Is-Sur Camilleri qal li huwa favur il-'*motor cycle bay's* għax mutur bil-liġi jista' jipparkja fil-parking bays tal-karozzi imma jekk ikun hemm il-motor cycle bay, is-sewwieq juża din u b'hekk jiffranka milli juża '*parking bay'* għal-karozzi. Is-Sindku żied jgħid li l-mutur irrid ikun b'angolu ta' 45$^{o}$ u li suppost is-sewwieq irid ikun prudenti. Is-Sur Camilleri qal li mhux ser jitkellem iżjed imma l-aqwa li qed isiru l-'*motor cycle bays'*.

3.3.5 Punt 3.1 paragrafu 3: Is-Sur Sultana kien qal li m'għandhux bżonn permess. Zied jgħid li jiġu jipparkjaw quddiem il-bieb tiegħek u ma tkunx tista' toħrog. Is-Sindku qal li bgħat għalih il-Kummissarju tal-Pulizija minħabba r-rapporti fuq il-Park Towers. Zied jgħid li waqt il-laqgħa, min naħa tal-Pulizija ser jkunu xi tlett min nies u li s-Sindku ser jieħu lil-Agent Segretarju Eżekuttiv għal-laqgħa. Huwa informa lil-Kunsillieri li tal-*Park Towers* qed joħorgu bil-permess u irid ikollu l-gwardjan jew meta ikollu l-forklifter. Container qed joħrog izjed mill-yellow line u qed jieħu l-ispazju u jdejjaq it-Triq. Is-Sindku qal li huwa jitkellem minħabba li n-nies jirraportaw lilu u issemmew diversi toroq.

3.3.6 Punt 3.2 pagna 4 – Progett tal-PPP fuq 5 toroq, il-Kunsill qed jistenna mit-TM ghat *Traffic Management*. Misraħ il-Barrieri ser ssir fit ~~2012~~. 2013.

3.3.7 Punt 3.4 pagna 5 - Is-Sindku qal li s-Sur Sultana ma kienx ~~f'din ....~~ preżenti fil-laqgħa fejn ġew diskussi t-Timed Parking fl-imsemmija toroq u l-madwar -

Triq il-Kapillan Mifsud
Triq il-Ferrovija
Triq Qormi
Triq il-Kanun

3.3.8 Is-Sindku qal li dawn huma kollha miktuba u ħa jsir studju mil-Perit Testaferrata Denoto u li l-Kunsill jimxi mad-direzzjonijiet li ser tagħtihom. Is-Sur Sultana qal li kien inqala argument fuq dan il-punt. Tant ma kienux qablu li kienu ippreżentaw petizzjoni lil-Lidl u r-residenti ma ġewx ikkunsidrati. Is-Sindku wieġeb li wara dan kienu iddeċidew li ma jagħmlux residential parking imma '*parking with no return within 90 minutes'*. Hawnhekk ser issir adenda li hemm aktar toroq inklużi u kollha huma biex ir-residenti ikunu jistgħu jipparkjaw. Is-Sur Sultana saqsa x'differenza hemm bejn '*residential scheme'* u *'timed parking*'. L-argument kien li għax kienet deċizzjoni tal-Qorti imma dawn mhux veru. Is-Sindku qal li rigward il-Qorti huwa kien korrett u għadu korrett, effettivament daħal fuq tal-'*parking'* għax għal Kunsill tgħodd id-'*definite sentence'*. Is-Sur Sultana qal li l-kwistjoni tal-Pieta' hemmhekk t-tabelli kienu purament għar-residenti u li huwa ma jistax jipparkja, min jiġi min barra l-lokal ma jistax jipparkja. Hu qal tagħhom kienet li tista' tipparkja għal xi ħin u titlaq. Din ser toħloq '*ripple effect'*. Is-Sindku qal li qiegħed jistenna mit-TM fuq it-Triq il-Kanun u Pietru Dacoutros u t-toroq li jmissu magħhom u skont kif tinqata, jagħmlu

## 4 Minuti tal-Laqgħa 12/18 bid-data 26.10.2011

4.1 ***Korrezzjoni tal-Minuti***:

4.1.1 Pagna 4, paragrafu 6 – '***Paying'*** – biex issir ***'playing field'.***

4.1.2 Pagna 5, l-ahhar rig – Misraħ il-Barrieri u mhux Trejqa Fleur de Lys

4.2 ***Punti mressqa mill-minuti***:

4.2.1 Pagna 2 - kif dejjem ġejna għal laqgħat b'urġenza ~~ma naqbilx~~. Setgħet ~~tgħajjat~~ tingħajjat laqgħa b'urġenza (Għoti ta' Ġieh Santa Venera).

4.2.2 Is-Sur Sultana qal li l-liġi tippermetti li wara ċertu żmien tista' imbad timxi bla kworum. Is-Sur Camilleri qal li l-laqgħat irridu ikunu fuq bażi regolari. Is-Sindku qal li mportanti li ngħalqu dawn l-minuti ta' dawn il-laqgħat u inkomplu nimxu l-quddiem. Żied jgħid li fi 3 xhur, 6 laqgħat ma sarux. Inqalet diskussjoni kif qed jingħajtu l-laqgħat.

4.2.3 Pagna 2 – Is-Sur Camilleri qal li kien hemm 2 persuni li ma ġewx mistiedna. Is-Sindku wieġeb li kull kunsillier setgħa jistieden sa 6 mistiednin. Is-Sur Sultana qal li hu kien mistieden bħala s-Sur Sultana u l-familja. Is-Sindku informa lil Kunsilleri li s-Sur Charles Scerri (ta' Triq Zonqor) kien mistieden u ma ġiex. Imma fuq is-Sur Grech kellu dubju. Is-Sur Camilleri qal li ma ngħatax l-ebda inviti bħal qabel. Huwa stqar li għal darb'oħra il-Kunsill joqgħodu iżjed attent. Is-Sindku qal li huwa kien stieden anka deputati tal-Ministri u Għaqdiet u, dawn ma ġewx għax ma waslulhomx l-inviti. Is-Sur Camilleri saqsa fuq liema raġuni ġie mistieden is-Sur Scerri.

4.2.4 (Hawnhekk wasal is-Sur Ronald Briffa fis-7.00 pm)

4.2.5 Pagna 3 - PPP it-3 paragrafu: Is-Sur Sultana qal li dawn ġew ippreżentati: u saqsa jekk l-Kunsill irċieviex l-approvazzjoni mid-Dipartment tal-Gvern Lokali. Is-Sindku wieġeb li ma jistax jgħati rendikont fuq ix-xogħol li suppost għamel l-eks ASE is-Sur Formosa. Is-Sur Sultana saqsa jekk waslitx min Ottubru sa dak in-nhar. Is-Sindku qal li meta l-accountant ippreżentat il-*financial statements* konna ikkonfermajna fuq dan iċ-ċaqliq. Is-Sindku kellu jibgħat ittre lis-Sur Sultana

4.2.6 Pagna 3 – Focus Group: Is-Sindku qal li dan il-Focus Group għadu qed jintaqgħa u qed jipprovaw joħolqu Heritage Trail u Agrituriżmu u Santa Venera tkun fost dawn l-4.

4.2.7 Pagna 4 – it-2 paragrafu – L-ex Sindku s-Sinj Elizabeth Vella kienet applikat biex isir Bar taħt il-kappa tal-Kunsill u jamministraw il-Lightnings Football Club. Is-Sindku ma applikax mil-ġdid għax il-Kunsill ma kellux flus. Is-Sur Sultana saqsa fuq il-Ground u li dan issemma fil-Baġit. Is-Sindku qal li huwa ma sema' xejn u li qisu ser issir ix-xogħol u tan-nar għadhom qed jaħdmu. Huwa tenna li daqs is-sur Sultana ma jafx xejn u li ħadd ma daħlu f'xejn. L-Applikazzjoni saret taħt il-Kunsill tal-Hamrun.

4.2.8 Pagna 4 – Guze Flores. Is-Sur Sultana ma qabilx li jitneħħew is-siġar. Is-Sindku qal li huwa xtaq li jinqalgħu s-siġar imma jiġu transferiti x'imkien ieħor.

4.2.9 Pagna 4 – '*Timed parking'*: Is-Sur Anastasi qal li tan-'*No Parking'* kien issuġerija s-Sur Ronald Briffa. Zied jgħid li kien hemm diversi korrispondenzi u li hu u l-ASE is-Sinj Gusman attendew il-Konferenza '*Speed'* imtellgħa mit-TM. Is-Sur Briffa qal li tista' tagħmel nofs u nofs. Is-Sindku tenna li huwa tkellem mal-Perit Testaferata De Noto biex tgħin il-Kunsill u tlabna għat-*Traffic Management* tal-akwati. Is-Sur Sultana qal li huwa kien ippreżenta petizzjoni fi żmien is-Sindku Elizabeth Vella u l-Kunsill kien ivvota kontra. Huwa saħaq li ħa pjaċir li waslu għal kompromess. Is-Sindku żied jgħid li kien hemm diversi diskussjonijiet mal-Perit Testaferrata De Noto fuq dan il-kaz u anka dak in-nhar tal-Laqgħa is-Sindku, l-ASE is-Sinj Gusman u uffiċċjal tat-TM marru Triq San Ġorg.

4.2.10 Pagna 5 – '*Bus stop'* Triq il-Kanun. L-ASE is-sinj Gusman kellha tikteb lil Arriva fuq din il-'*Bus stop'*.

4.2.11 Pagna 5 – Is-Sindku ġie mistoqsi jekk il-Kunsill ġiex infurmat meta ser jibda l-iżvilup tal-Fabbrika tas-7 up u anka jekk għandhux xi taghrif fuq il-MITA u x'għandhom jagħtu lil-Kunsill fuq il-UIF. Is-Sur Sultana issuġerixxa li l-Kunsill jorbot lil ~~MITA~~ tas-7UP bil-*Corporate Social Responsibility* (CSR) u rrimarka li probabli diġa qiegħdin tard għal din il-proposta. Is-Sur Sultana tkellem ukoll fuq post abbundunat fejn hemm il-ġrieden u kif jibda x-xogħol il-Kunsill ser ikollu hafna ilmenti. Is-Sindku ser jieħu l-passi meħtieġa.

4.2.12 Pagna 6 – Linji doppji sofor - Is-Sur Sultana qal li ħdejn il-mużew, meta sar it-Tarmac, kienu tattew il-linji sofor u dan hemm bżonn li jerga isir. Hemm bzonn ukoll li siru l-linji sofor fi Triq San Pawl. Hawnhekk is-Sindku informa lil-Kunsillieri li Triq San Pawl għandha issir '*One Way*' minħabba l-periklu kbir li qed jinħoloq. Huwa qal li tkellem ma ħafna Vendrini u li qed isibuha diffiċċli biex joħorgu min din it-Triq u li qed isibuha diffiċċli biex joħorġu minnha. Is-Sindku talab lil-Kunsilliera biex jivvotaw fuq din u jekk tgħaddi, ikun jista' jikteb lit-TM. Huwa qal li jaghmlu t-Triq San Pawl '*One Way*' u jinżlu biss minnha. Kullħadd preżenti qabel barra s-Sur Camilleri. Vot 5 favur, 1 kontra.

4.2.13 Is-Sindku informa lil Agent Segretarju Ezekuttiv sabiex tikteb lit TM sabiex jagħtu l-approvazzjoni biex isiru id-'*double yellow lines*' 5 metri mill-kantuniera, biex isiru l-linji sofor ħdejn il-Mużew u Patri ~~Fra Guze~~ . Franġisk Grech. Iridu isiru l-kantunieri ġodda u isir '*refreshing*' ta' fejn hemm bżonn.

## 5 Minuti tal-Laqgħa 13/18 bid-data 21.11.2011

### *5.1 Punti mressqa mill-minuti*

5.1.1 pagna 2, 1.4 – ***Offerta tal-Perit Stephen Farrugia obo MP & DC Ltd*** : Is-Sindku informa lil-Kunsillieri li l-awditur infurmana li dik kienet *credit note*. Il-Perit Stephen Farrugia kien qal li l-kunsill kellhu jitħallas huwa kiteb u rraporta il-Kunsill lid-Dipartiment tal-Gvern Lokali. L-ASE is-Sinj Gusman kellha tiċċekja u tieħu ħsieb din il-'*credit note'*.

5.1.2 Pagna 4 – ***Pagament tal-onorarja lill-Kunsillieri***: Is-Sindku qal li deċiżjoni kien hemm u li ngħatat raġuni. Is-Sur Sultana qal li għandhu raġun fuq 2 imma tal-protesta ma ngħatax raġun u fuq ta' meta ħargu, irċieva tnejn. Is-Sur Sultana għandhu jibgħat l-ittre bid-data (25/1/2012) dwar il-kaz lil ASE. Is-Sur Anastasi fakkar li f'Marzu, 2011, kien widdeb lill-Kunsillieri li meta ma setgħux jattendu kellhom jimmejljaw lill-Kunsill sat 3 ta' wara nofsinhar (għax dak il-ħin jingħalaq il-Kompjuter tal-Iskrivani) u f'Awwissu sa nofsinhar. L-ASE għandha tara fuq l-onorarja.

5.1.3 Pagna 4 – ***Ftuh u gheluq tal-Latrina fi Triq il-Kbira San Guzepp***: Dak il-ħin (it-8.20 ta' filgħaxija) kien hemm John Borg li kien qiegħed jagħlaq l-latrina pubblika. Is-Sindku informa lil-Kunsillieri lis-Segretarju tal-Club tal-Boċċi, is-Sur Alfred Zammit talbu għall-appuntament. Fil-fatt is-Sindku qal li s-Segretarju li fil-festa ġew mistiedna l-Kunsillieri kollha barra s-Sindku. Dwar il-kontijiet pendenti, is-Sindku wieġeb li l-Pulizija għadha qed tagħmel l-investigazzjonijiet tagħha.

5.1.4 Pagna 5 – Misraħ Santa Venera: Hawnhekk tkellmu fuq kif ser tiġi Misraħ Santa Venera u s-Sur Camilleri qal li huwa kien interessat li jattendi imma peress li kien għadu rikoverat ma setgħax. Is-Sur Sultana saqsa jekk il-Perit kienx bagħat l-aħħar pjanta. Is-Sur Camilleri qal li huwa kien oġġezzjona li l-pjazza jonqsu l-

‘*parking bays’* u ma xtaqx li jitmessu u żied jgħid li huwa favur il-proġett. Is-Sindku wieġeb li l-Kunsill kien infurmat li mhux se jkun hemm iżjed minn xi 20 spazju tal-ipparkjar.

**6 Minuti 14/18 bid-data 28.11.2011**

6.1 L-ASE biex iżid l-assenti u l-assenti skuzati wara li jirrevedi l-ittre li kienu ntbgħatu għal dik il-laqgħa.

**7 Minuti 15/18 bid-data 30.11.2011**

7.1 ***Punti imqajma mill-minuti***:

7.1.1 Pagna 3 – ***l-Ammont ta' flus imnaqqsa - Latrina***: Il-Kunsill intalab mid-Dipartiment biex jibgħat is-somma ta' flus li ntefqu fuq il-latrina. Is-Sur Sultana saqsa jekk sarx tbabis u jekk kienx ġustifikat? Is-Sindku wieġeb li tbagħbis kien hemm iżda, huwa ser jitkellem ma tal-Klabb tal-Boċċi u jimxi min hemm. Sadanittant, il-Pulizija għadha ma għalqitx il-kaz.

7.1.2 Pagna 3 – ***Xogħol fuq bankini taż-żewġ naħat ta' Triq San Gużepp waħda sa qabel ir-residenza tas-Sur Michael Caruana u l-oħra sal-ħanut tal-Pizza.***: Is-Sur Sultana qal li huwa kien talab għall estimi u dawn għadhu ma ircevijhomx. Is-Sindku qal li l-ASE is-Sur Joseph M Formosa u dan ma kienx bagħathom. Is-Sindku talab lil- ASE s-Sinj Gusman sabiex tikteb lil-Perit Bezzina fuq dan il-kaz.

7.1.3 Pagna 4 – ***Xoghol ta' Volontarjat mal-Kunsill***: L-ASE ghandha tikteb lil persuni li kitbu lil-Kunsill fejn offrew ħin voluntarju sabiex tara jekk għadhomx interessati. S'issa il-Kunsill għandhu 3 applikazzjonijiet.

7.1.4 Pagna 5 – ***Jum it-Tifkira*** : Is-Sur Sultana qal li huwa jesiġi li meta ssir korrespondenza lil-Għaqdiet, jinfurmaw lis-Segretarju tal-Għaqda u mhux lic-Chairperson.

7.1.5 Pagna 6 – l-1 paragrafu ***Stedina għaċ-Ċerimonja ta' Kristu Re fil-Knisja Parrokjali ta' Santa Venera fl-20.11.2011***: Is-Sur Sultana ċaħad kategorikament li ma kienx infurmat u huwa ma rċieva xejn.

7.1.6 Pagna 6 – korrezzjoni : ***Skeda Pagamenti = 10 ta' Awissu 2011 sa 21 ta' Novembru, 2011 Skeda Nru 277***– dovut u mhux akbar.

***7.2 Punti mressqa mill-minuti:***

7.2.1 Pagna 7 – Is-Sindku informa lil-Kunsillieri li l-kaz tas-Segretarju Eżekuttiv is-Sur Joseph Cassar għadu qed jiġi investigat u l-Kunsill għadu ma rċieva xejn dwar dan. L-Aġent Segretarju Eżekuttiv għandha tikteb lid-Dipartment tal-Gvern Lokali sabiex titlob fejn wasal dan il-kaz.

7.2.2 Is-Sindku informa lil-Kunsillieri li kien infurmat mid-Dipartment tal-Gvern Lokali li l-ASE il-ġdida trid timla' il-'*Performance Appraisal Report'*. Is-Sindku qal li huwa ma jaqbilx li l-ASE tieħu Bonus iżda jixtieq jipproponi li l-ASE issir s-Segretarju Eżekuttiv tal-Kunsill. Is-Sur Sultana qal li finanzjarjament, din mhix ser tagħmel differenza. Is-Sindku qal li jekk nagħmluha Segretarju Eżekuttiv, ma jkunx jista' d-Dipartiment jehodha u jitfaħħa x'imkien ieħor. Is-Sindku saqsa għal-vot fuq din-il-proposta. Ma kien hemm hadd kontra l-Proposta.

Vot: favur 6, kontra - xejn. Il-proposta għaddiet li l-ASE issir Segretarju Eżekuttiv. Is-Sindku informa lil-Kunsillieri li huwa kien ser jikteb lid-Dipartment tal-Gvern Lokali fuq din il-proposta.

7.2.3 Is-Sindku informa lil-Kunsillieri li d-Dipartiment tal-Gvern Lokali infurmah li l-ASE għandha Masters in Science (MSc) ma l-Universita' ta' *Leicester*. Is-Sindku ippropona li peress li l-ASE għandha MSc u li hija wkoll Uffiċċjal Pubbliku, hija trid tingħata l-'*qualification allowance'*. Il-proposta għaddiet unanimament.

7.2.4 Is-Sindku informa lill-Kunsillieri li l-Iskrivana Juliana Attard għandha Degree u biex fil-kaz il-Kunsill jagħtiha l-'*Qualification Allowance'* ta' degree. Is-Sindku ippropona wkoll li l-iskrivana tingħata *increment*. L-ASE kellha tikteb lid-Dipartiment biex tara jekk dan huwiex skond ir-regoli tar-Riżorsi Umani. Il-Kunsillieri qablu ma dan diment li d-Dipartiment jiġi infurmat.

7.2.5 Is-Sindku ippropona sabiex lil-Iskrivan is-Sur Carmel Busuttil jitla' skala u biex l-ASE tikteb lid-Dipartiment dwar dan. Is-Sindku żied jgħid li s-Sur Busuttil jaħdem mis-7.00 ta' filgħodu sa tard wara nofs in-nhar u anka jaħdem mid-dar. Huwa ddedikat hafna fuq xogħolu. Il-Kunsillieri qablu ma din il-proposta diment li d-Dipartiment jiġi infurmat. Is-Sur Sultana ippropona wkoll li lis-Sur Busuttil nagħtuh il-*full Performance Bonus*.

7.2.6 Is-Sindku nforma lil-Kunsillieri li l-ewwel jiktbu lid-Dipartiment jekk jistgħux iżidulu lis-skala. Jekk id-Dipartiment jgħid li jiddeċiedi l-Kunsill, il-Kunsill diġa ta' l-approvazzjoni tiegħ għax kulhadd qabel mal-proposti imressqa.

## 8 Minuti 16/18 bid-data 9.12.2011 - moqrija u korretti

## 9 Minuti 17/18 bid-data 15.12.2011

9.1 ***Punti mressqa mill-minuti*** –

9.1.1 Pagna 3 – ***Ftuħ tal-Uffiċċju ghall-Pubbliku*** – Is-Sur Sultana stqar li la darba l-uffiċċju amministrattiv għandu l-'*full complement'* tal-'*istaff*', huwa jemmen li hemm bżonn li nreggħu il-ħin kif kien qabel. Is-Sur Camilleri qabel ma din il-proposta u biex l-uffiċċju jiftaħ bejn it-8 ta' filgħodu sal-4 ta' wara nofs in-nhar. Wara taħdita ta' x'kien l-aħjar ħin propost, is-Sindku ippropona li l-uffiċċju jiftaħ

mit-8.00 ta' filgħodu u jgħalaq fis-2.30 ta' wara nofs in-nhar għall-pubbliku imma l-iskrivani jibqu jaħdmu sal-4 ta' wara nofs in-nhar. Qabel kienu jaħdmu sal 5 ta' wara nofs in-nhar imma kienu jieħdu l-break ta' siegħa. Fix-xahar ta' Awissu il-ħinijiet jkunu mit-8 ta' filgħodu sa 12.00 għall-pubbliku u imbad l-iskrivani jibqu sas-1 ta' wara nofs in-nhar.

9.1.2 Hawnhekk is-Sur Camilleri kellu jitlaq (8.35 ta' filgħaxija).

9.1.3 Pagni 3-4 – ***Skeda ta' Pagamenti*** - l-aħħar rig: Is-Sur Sultana qiegħed jiċħad dan kollu.

9.2 ***Korrezzjoni tal-minuti* - *Ammont dovut lill-Agent Segretarju Ezekuttiv is-Sur Formosa:***

9.2.1 Pagna 4 Paragrafu 6 – Is-Sindku stqar li meta ra li qed ikun hemm siegħat bil-ħafna neqsin mill-ASE s-Sur Formosa, meta ma kienx qiegħed jarah daqshekk l-uffiċċju amministrativ tal-Kunsill, ġiegħel lis-Sur Formosa jiffirma l-ħinijiet ta' meta jasal il-Kunsill u x'ħin kien qiegħed jitlaq. L-ASE ma ridtx joqgħod għal din id-direttiva u fil-fatt fil-preżenza tas-Sindku stess, is-Sindku kien dar fuq l-iskrivani, speċjalment fuq s-Sinj Maria Aquilina u tagħhom istruzzjonijiet biex jibdew iniżżlu l-ħinijiet ta' x'ħin kien qiegħed jidħol l-ASE u x'ħin kien qiegħed jitlaq. Fil-fatt is-Sindku kien iżomm kuntatt ma l-iskrivana s-Sinj Aquilina fuq l-attendenza ta' l-ASE is-Sur Formosa. Is-Sindku żied jgħid li fix-xahar ta' Settembru, s-Sinj Aquilina u anka huwa stess, peress li kien iqattha ħafna ħin fil-Kunsill, innotaw li l-ASE deher biss fil-Kunsill għal 15 il-siegħa biss. Is-Sindku kien lesta lista ta' ħinijiet minn Settembru sa Novembru 2012 sa 22 ta' Diċembru 2012.

9.2.2 Pagna 4, paragrafu 7 – Is-Sindku rrimarka li kien ilu minn Settembru 2010 jikteb biex jinbidel l-ASE. Minbarra hekk kiteb kemm il-darba wkoll lid-dipartiment dwar in-nuqqasijiet tiegħu wara li jkun ġibidlu l-attenzjoni kemm verbalment kif ukoll bil-miktub. Is-Sindku żied jgħid li kien hemm diskuzzjonijiet tal-Kunsill biex l-eks ASE is-Sur Formosa jikteb lid-DLG jew entita' u anka ġie imfakkar diversi drabi kemm verbalment u bil-miktub mis-Sindku, huwa baqa jonqos milli jaġixxi għad-deċizzjonijiet tal-Kunsill. Minbarra hekk is-Sindku kien kiteb lid-Direttur tad-DLG u qiegħed jistenna għad-deċizzjoni. Is-Sur Sultana talab kopja tal-korripondenza. Huwa qal ukoll li dawn għandhom jidħlu bħalha '*disputed funds'* fil-'*Financial Statement account'*.

***10 Parking Bays***

10.1 *Parking bays* – Il-Kunsillieri ikkonfermaw li għal parking bays l-aħjar il-Kunsill jerġa jikteb lit-TM.

***11 Website***

11.1 *'Website'* – Is-Sindku nforma lil-Kunsillieri li l-Kunsill għandu 2 websites, waħda tad-DLG u l-oħra privata u xtaq li jagħtu l-opinjoni tagħhom jekk hemmx għalfejn il-

Kunsill ikollu 2 websites. Is-Sur Briffa u s-Sur Sultana qalu li biex nbniet il-website privata tħallsu madwar Lm600 u mhux għaqli jekk nitilfuhom. Is-Sindku saħaq jgħid li aħjar ikun hemm website waħda u mizmuma sew milli jkollok tnejn. Kien importanti li tittieħed deċizzjoni peress li l-Kunsill irċieva l-kont biex tagħmel estenzjoni għal sena oħra. Is-Sindku informa lil ASE sabiex twaqqaf din il-website.

12 Il-laqgha spiċċat fit 8.50 ta' filgħaxija.

| | |
|---|---|
| Is-Sur Horace J Anastasi | Is-Sinj Louise-Anne Gusman |
| Is-Sindku | Aġent Segretarju Eżekuttiv |

Ikkonfermati Illum, it-Tnejn 18 ta' Ġunju, 2012